**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1984/99 AJM

Kawza numru 40

Elmo Insurance Service Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Pieter Leslie u Maria Teresa sive Marthese konjugi Bregman u l-istess Pieter Leslie u Maria Teresa sive Marthese konjugi Bregman u b'nota ta' 22 ta' Frar 2000 is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited assumiet l-atti in rappresentanza ta' Royal & Sun Alliance Insurance plc cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & london Insurance plc.

Vs

Herbert Spiteri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-13 ta' Settembru 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fl-20 ta' Mejju 1998 ghal xi l-4.00 p.m. waqt li l-attur Pieter Leslie Bregman kien qed isuq il-vettura Cherokee Jeep nru PLB 001, proprjeta' tieghu u ta' martu l-attrici Maria Teresa sive Marthese Gregman, go San Pawl il-Bahar mill-Erba' Mwiezeb lejn is-Salini, bit-traffic lights ta' quddiemu fuq l-ahdar, il-vettura tieghu sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura Ford Escort nru AAC 983 misjuqa mill-konvenut, li injorat id-dritta tal-esponent u baqghad hierga minn Pioneer Road; illi l-vettura nru PLB 001 kienet assikurata mas-socjeta' attrici taht polza comprehensive u l-atturi, bhala assikurati, ghamlu claim in konnessjoni mal-incident fuq riferit; illi d-danni ta' l-atturi kienu jammontaw ghal hdax-il elf sitt mija tlieta u sittin lira maltin (LM11,663) dovuti nkwantu ghal LM11,538 lis-socjeta attrici bhala risarciment ta' l-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurati taghha kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha u kwantu ghal LM125 lill-atturi konjugi Bregman bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza comprehensive; illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm kien interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;
2. tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' LM11,663 okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ LM11,538 bhala risarciment ta’ l-ammont li dina sborzat biex indennizzat lill-assikurati taghha kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta’ attrici giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurati taghha u nkwantu ghal LM125 lill-atturi Pieter Leslie u Maria Teresa sive Marthese konjugi Bregman bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza comprehensive.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Settembru 1998 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma’ dan l-att ghan-notifika ta’ l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mit-22 ta’ Settembru 1998, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-25 ta’ Jannar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-kuntratt ta’ assikurazzjoni ma jaghtix id-dritt ta’ surroga ta’ drittijiet pretizi. Dan hu dritt litigjuz li ghandu jghaddi b’att pubbliku.
2. Illi huwa ma kienx responsabbli ghad-danni lamentati.
3. Illi ma kienx hemm dawk id-danni kollha.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Frar 2000 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-17 ta' Mejju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.
Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Lulju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel lok ghandha tigi kkunsidrata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn qed jigi sottomess li l-kuntratt ta' assikurazzjoni ma jaghtix id-dritt ta' surroga u li dan bhala dritt litiguz jehtieg l-att pubbliku. Is-surroga hija regolata bl-artikoli 1164 tal-Kap 16 minn fejn jirrizulta li minn jhallas id-dejn jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur konvenzjonalment meta l-kreditur idahhal floku l-persuna li minghandha jiehu l-hlas fil-jeddijiet tieghu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-hlas.

Illi s-socjeta' attrici kienet tkopri lill-atturi l-ohra ghall-kull eventwalita' li tista' tigri fil-vettura taghhom in forza ta' polza ta' assikurazzjoni tat-tip "comprehensive". Dan jfisser li l-atturi konjugi Bregman jkollhom xi incident stradali li tieghu huma jippretendu xi danni minn ghand terzi persuni bhala responsabbli ghall-istess incident, dawn il-konjugi jithallsu minn ghand is-socjeta' attrici, in forza tal-istess polza, u kull dritt pertinenti lilhom jghaddi lill-assikurazzjoni in forza ta' dakli tipprovdi l-ligi. Issa jidher mill-atti tal-kawza li dakinhar li sar il-pagament giet

redatta skrittura (Dok 3) li permezz taghha l-assikurazzjoni giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat. Din l-eccezzjoni ghalhekk ma ghandhiex fondament. Illi inoltre din is-surroga ma tehtieg att pubbliku billi dak li qed jigi sottomess mill-konvenut jikkoncerna l-assenjazzjoni tad-drittijiet litiguzi "in corso" jew meta l-kreditu jirrizulta minn att pubbliku. Din ghalhekk ukoll qed tigi michuda.

Ikkunsidrat:

Dwar responsabbilita' ghall-incident ezaminat l-verzjonijiet konfliggenti taz-zewg sewwieqa kif ukoll attendiet fuq l-post tal-incident sabiex tivverfika il-mod kif jahdmu ossia s-sekwenza ta' kif jixghelu u jitfu d-diversi "traffic lights" li jinsabu f'dik l-junction.

Dan l-incident sehh fit-"traffic junction" li tghaqqad il-Coast Road, Salini; Pioneer Road, Bugibba, u t-Triq li tigi mid-direzzjoni ta' Burmarrad jew l-Erba' Mwiezeb. Dan huwa junction pjuttost traffikuz u bi perikolu insitu minhabba d-diversi direzzjonijiet li l-vetturi jkunu jridu jmorru. L-attur Bregman xhed li huwa kien gej mid-direzzjoni ta' Burmarrad jsiq il-Cherokee Jeep fid-direzzjoni tas-Salini Cast Road. Quddiemu ma kienx hemm traffiku iehor. Huwa osserva li d-dwal li kienu jikkontrollaw il-passagg tieghu kienu mixghewlin hodor u b'hekk wara li naqqas li speed u osserva ukoll li l-vetturi hergin mid-direzzjoni ta' Pioneer Road kienu weqfin, u baqa' mixi fid-dritt meta f'daqqa wahda il-vettura misjuqa mill-konvenut gie bi speed qawwi mill-istess Pioneer Road, qabzet il-vetturi li kien hemm weqfin u baqghet hierga ghal quddiemu. L-attur applika l-brake u fl-istess hin gibed lejn il-lemin biex jevita l-impatt izda xorta wahda gie milqut fuq in-nahha tal-lemin tal-vettura tieghu. Mal-impatt l-Jeep daret "on its axis" u wara li habtet

gewwa pilastru tad-dawl li kien hemm fis-centre strip f'nofs Salina Coast Road, spiccat imdawra kif tidher fli skizz.

Il-konvenut xhed li huwa kien gej mid-direzzjoni ta'Pioneer Road u ried jmur lejn il-Mosta billi jikser lejn il-lemin. Waqt li qed javvicina t-traffic lights huwa osserva li dawn kien mixghewlin hodor u ghalhekk baqa' hiereg u kif ra l-vettura ta'l-attur applika l-brakes u sar l-impatt. Il-konvenut stqarr li ma kienx jaf kemm kien nixi, u ma osservax jekk kienx hemm vettura ohra weqfin f'wahda mil-lanes sejrin fl-istess direzzjoni. Hu jghid biss li kull ma kien jinteressah kien li d-dawl kien favur tieghu u ghalhekk baqa' mixi.

Il-partijiet mistoqsijin dwar is-sekwenza tat-traffic lights qalu hekk. L-attur Bregman qal li l-ewwel jixghelu hodor il-lights tieghu. Meta dawn jaqilbu ghal ahmar, jixghelu hodor il-lights ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni tas-Salina Coast Road u finalment jaqlibu ghall-ahdar id-dwal li jikkontrollaw il-vetturi gejin mid-direzzjoni ta' Pioneer Road u cioe minn fejn kien gej il-konvenut. Ghal kuntrarju l-konvenut sostna li l-ewwel jixghelu hodor id-dwal ta' Pioneer Road, imbaghad dawk ta' Burmarrad u fl-ahharnett jixghelu hodor dawk il-lights li jikkontrollaw it-traffiku gej mis-Salina. Il-konvenut xhed li huwa kien cert minn dan u li sal-lum ghadhom bl-istess sekwenza.

Din il-Qorti hsset li kien importanti li din is-sekwenza tigi stabbilita darba ghal dejjem billi ghandha relevanza ghal-incident in kwistjoni. Infatti jekk s-sekwenza hija dik moghtija mill-attur allura anke jekk fil-mument li l-attur kien qed joqrob it-Traffic Lights dawn minn hodor saru homor, l-istess konvenut ma kellu ebda dritt johrog billi t-traffic lights kienu jaghtu d-dritta lill-vetturi gejjin mid-direzzjoni tas-Salina u mhux dawk

gejjin minn Pioneer Road. Effettivament wara access fuq il-post irrizulta li s-sekwenza imsemmija mill-attur Bregman hija dik korretta u b'hekk din taghmel il-verzjoni tal-konvenut anqas kredibbli.
Barra minn hekk jidher li l-konvenut lanqas biss ma kien qed jaghti kaz ta' x'kien hemm fit-triq. Mill-access mizmum mill-Qorti rrizulta li l-karreggata hierga minn Pioneer Road hija maqsuma f'zewg lanes – it-tnejn sejrin fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Ghalhekk hija kredibbli l-verzjoni, mhux kontradetta ta' l-attur, li kien hemm tlieta jew erba' vetturi weqfin fil-lane ta' gewwa jistennew il-lights jsiru hodor, meta l-konvenut qabad u qabizhom. Dan seta' jaghmlu facilment minhabba l-karreggata libera fuq in-naha ta' barra.

Illi jidher ukoll li l-vettura tal-konvenut kienet qed tinsaq b'certa speed. Dan jidher mhux biss minn natura tal-hsarat li din kkawzat fil-vettura ta' l-attur izda ukoll mill-mod kif dik sahansitra imbuttata fuq arblu tad-dawl xi distanza l-boghod.

Mehud dan kollu in konsiderazzjoni din il-Qorti ma issib ebda ezitazzjoni li tiddikjara li l-incident awtomobilistiku fuq imsemmi gara unikament tort u htija tal-konvenut li baqa' hiereg go triq meta t-traffic lights kienu qed jindikaw li d-dritta kienet ta' vetturi ohra u dana bi speed ezagerat.

Illi dwar id-danni reklamati l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu li dawn kienu ezagerati. Ghall-kuntrarju l-atturi resqu diversi xhieda in sostenn tal-quantum tad-danni konsistenti sew fis-surveyor, sew fil-claims manager, kif ukoll fit-tellar li xtara l-vettura ta' l-attur wara li din giet dikjarata beyond economical repair.

Illi d-danni reklamati jidhru gustifikati billi jikkonsistu fil-valur tal-vettura wara li tnaqqas l-wreck value taghha, xi spejjes incidentali u l-excess li hallsu l-atturi Bregman.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni hekk kagunati, tillikwida l-istess danni fis-somma komplessiva ta' hdax il-elf sitt mija tlieta u sittin lira maltin (LM11,663) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Elmo Assurance Agency Limited is-somma ta' hdax il-elf hames mija tmienja u tletin lira maltin (LM11,538); u lill-attur konjugi Bregman is-somma ta' mija hamsa u ghoxrin lira maltin (LM125) u dana bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 1998 u bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri